32006R1945

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 1945/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali li jkunu ntitolati għal, u l-kondizzjonijiet għal, u r-rati ta', *allowances* għal xogħol regolari ta' *stand-by*

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet

Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005, u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 56b tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, preżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Billi rr-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 [2] jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi adattat għall-bidliet fil-bżonnijiet għal servizzi regolari ta' *stand-by* fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) għandu jinbidel b'li ġej:

"Uffiċjali

— mħallsa mill-approprjazzjonijiet fl-estimi għal riċerka u investiment u impjegati fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka jew f'azzjoni indiretta, jew

— mħallsa minn approprjazzjonijiet fl-estimi operattivi u impjegati sabiex imexxu jew jissorveljaw istallazzjonijiet tekniċi jew impjegati f'dipartiment tas-sigurtà, f'servizz ieħor involut fl-eżekuzzjoni ta' funzjonijiet ta' sigurtà, f'dipartiment ta' servizzi tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) jew għal arranġamenti ta' koordinament f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kriżi jew f'servizzi fejn ikun hemm il-bżonn konfermat ta' servizzi regolari ta' *stand-by* għall-eżekuzzjoni ta' kompiti fil-qafas ta' mekkaniżmu stabbilit sabiex jagħti assistenza lill-Istati Membri tul 24 siegħa kuljum,

għandhom ikunu intitolati għal *allowance* meta jkunu regolarment meħtieġa sabiex jagħmlu xogħol ta' *stand-by* skond l-Artikolu 56b tar-Regolamenti tal-Persunal."

2) L-Artikolu 3 għandu jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 3*

F'April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar in-numru ta' uffiċjali u ħaddiema f'kull kategorija li jkunu rċevew l-*allowance* imsemmija f'dan ir-Regolament, b'referenza speċjali għall-każijiet fejn l-*allowance* tkun ingħatat taħt id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005 (ĠU L 8, 12.1.2005, p. 1).

[2] ĠU L 66, 12.3.1977, p. 1. IR-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 859/2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 23).